MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 23/2012

Appell **Numru: 23/2012**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Michael Mallia]**

**[Spettur Jason Agius]**

**Vs**

**Carmel Camilleri**

Illum, 6 ta’ Marzu, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Carmel Camilleri detentur tal-Karta ta’ l-Identita bin-Numru 267466M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-28 ta’ Awwissu 2010, ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta’ filghodu, fl-inhawi tal-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta limiti tal-Gudja, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom flus kontanti, liema reat ta’ serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €2,329.37 u li sar ghad-dannu ta’ Guzel Iusupova.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Jannar, 2012 fejn il-Qorti wara li rat rat l-Artikoli 261, 267 u 279 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant Carmel Camilleri hati tar-reat ta’ serq kif addebitat lilu, u qeghda ikkundannat lill-istess Carmel Camilleri ghall-piena ta’ tlettax-il (13) xahar prigunerija li bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta din qed tigi sospiza ghal zmien ta’ sena millum.

Finalment, spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat r-responsabilita` tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta’ sena u jekk ma joqghodx ghall-ordni lilha moghtija.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Camilleri minnu pprezentat fid-19 ta’ Jannar, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, sabiex b’hekk l-appellant jigi liberat minn l-akkuza dedotta kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Carmelo Camilleri , in succinct jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Qorti kisret wiehed mill-principji kardinali fid-dritt penali u cioe` dak illi solitament, apparti xi legislazzjoni rari u specjali, l-obbligu u l-oneru tal-prova fis-sistema taghha u f’hafna ohrajn, jaqa` fuq il-prosekuzzjoni u mhux vici-versa kif ghamlet u kkonkludiet erronjament l-Ewwel Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Awwissu tal-elfejn u ghaxra (2010) waslet Malta titjira minn Moska, Guzel Iusupova fejn dina kienet giet Malta sabiex tistudja l-Ingliz. Meta harget mit-terminal poggiet il-bagalja taghha go trolley. Ma’ dawn il-bagalji

poggiet basket tal-laptop tal-kompjuter fejn go fih, skont il-verzjoni taghha, kien hemm id-dokumenti kollha inkluz il-portafoll bi flus Rubli Russi u zewg telephones. B'kollox kellha ghaxart elef Rubli u elfejn ewro (€2,000). Meta gie d-driver tal-vann qalilha sabiex tpoggi l-bagalji fuq il-wara tal-vann izda zzomm il-basket tal-kompjuter fuqha. Fil-frattemp b'dan il-basket ghadu maghha, marret tpoggi t-trolley f'postu izda meta marret biex tpoggih gewwa t-trolleys l-ohrajn il-munita ma setghetx tohrog u ghalhekk poggiet il-basket tal-kompjuter fl-art sabiex tkun tista' tohrog il-munita izda hija mbaghad marret gol-vann minghajr il-basket, ghaliex insietu. Kien wara li dahlet gol-vann u saqu bicca tajba li rrealizzat illi kienet insiet il-basket warajha u ghalhekk ix-xufier dar lura l-airport. Meta marret fuq il-post fejn halliet il-basket dan ma nstabx u ghalhekk marret taghmel rapport lill-ufficcjal tas-sigurtà tal-ajruport kif ukoll fl-ghassa tal-pulizija. B'xi mod dan il-basket instab fil-pussess tal-appellant illi wara ezami tal-kontenut Iusupova setghet tghid li kien hemm kollox, avolja minnbarra l-elfejn ewro (€2,000). Il-pulizija bdiet l-investigazzjoni taghha u peress illi l-ambjenti tal-airport huma kollha koperti bis-CCTV cameras PS 1326 Roy Sciberras u PS 647 marru jispezzjonaw dawn il-filmati fejn l-appellant deher jaqbad dan il-basket minn hdejn it-trolley fejn kienet hallietu Iusupova. Peress illi l-filmat juri ukoll il-hin seta' jigi konstatat illi Iusupova halliet il-basket fl-ghaxra u minuta ta' filghodu (10.01 a.m.). L-imputat gabru fl-ghaxra u tmintax-il minuta ta' filghodu (10.18 a.m.) u poggih gol-vann. Sussegwentement dahal fit-terminal tal-airport biex, fil-hdax u tlieta u hamsin minuta ta' filghodu (11.53 a.m.) rega' hareg mit-terminal. Fis-siegha u ghoxrin ta' waranofsinhar (1.20 p.m.) deher jerga' jidhol fit-terminal fejn imbaghad gie avvicinat mill-pulizija. Il-laptop instab fl-art tal-vann fuq in-naha ta' quddiem. L-appellant gie arrestat u tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi ta' serq aggravat bil-valur.

B'sentenza tad-disgha (9) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, ikkundannatu ghal tlettax-il (13) xahar prigunerija sospizi ghal sena. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. L-aggravju tieghu qieghed principalment fuq il-meritu peress illi ma rrizultatx prova illi go dan il-basket kien hemm il-flus u li l-appellant ma kellu l-ebda hsieb izomm dan il-basket izda kien sejjer jirritornah. L-appellant ukoll ghamel xi kummenti dwar ir-ragunament tal-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

L-appellant hassu aggravat ghaliex l-ewwel Qorti tefghet dell fuq l-appellant talli dan ma ta ebda spjegazzjoni kif baqa' fil-pussess ta' dan il-basket ghal tlett (3) sieghat shah. L-aktar paragrafu li urta lill-appellant huwa dak illi jinsab a fol 5 tas-sentenza fejn il-Qorti qalet, "Illi però din il-Qorti ssaqsi, il ghaliex l-imputat ma infurmax lil xi hadd b'dak illi sab bhal xi security tal-ajruport jew lil xi hadd iehor mill-istess ajruport tenut kont illi l-imputat ikun ta' spiss hemm fuq xoghol u ghalhekk kien certament jaf hafna nies li jahdmu hemm. Izda din id-domanda qatt ma gietx imwiegba mill-imputat la meta gie mistoqsi mill-pulizija u lanqas fil-Qorti." Din il-Qorti jidhrilha illi hawnhekk l-appellant ghandu ragun ikun urtat b'dan il-kumment tal-ewwel Qorti ghax jivvjola direttament il-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza u d-dritt tal-persuna arrestata illi tibqa' sieketa.

Ikkunsidrat:

Id-dritt ghas-silenzju huwa sancit mil-ligi u garantit mill-Kostituzzjoni ta' Malta. Kull persuna investigata ghandha dritt illi tibqa' siekta u ma twegibx ghal ebda domanda maghmula lilha mill-investigaturi. Meta persuna tibqa' siekta, l-ebda inferenza negattiva ma tista' tittiehed kontra dik il-persuna ghal dan is-silenzju u dan peress illi hadd ma jista' jigi pregudikat talli juza d-drittijiet moghtija lilu mil-ligi. La hija l-ligi stess illi taghti d-dritt tas-silenzju u persuna taghzel illi tuza dan id-dritt, il-Qorti ma tista' taghmel l-ebda kumment negattiv ghal dan il-fatt. Ghalhekk la l-appellant ghazel illi jibqa' sieket l-ewwel Qorti ma setghetx taghmel inferenza negattiva ghal dan il-fatt. Però l-Qorti jidhrilha illi jezistu provi bizzejjed, inkluzi dawn cirkostanzjali, li jistghu jwasslu ghal responsabiltà tal-appellant.

Ikkunsidrat:

L-ewwel haga li trid tigi determinata huwa jekk gol-basket kienx hemm il-flus jew le. Guzel Iusupova tghid car u tond illi gol-basket minbarra affarijiet personali kellha ukoll il-flus. Meta l-basket instab, l-affarijiet personali taghha kollha kienu ghadhom hemm barra l-flus. L-appellant qed jitfa' dubbju kemm verament kien hemm dawn il-flus u li Iusupova ghamlet din l-allegazzjoni ghall-fini ta' assikurazzjoni sabiex tkun tista' tigi risarcita mill-assikurazzjoni ghal din l-allegata serqa. Il-buon sens ma jghidx illi ghandek bzonn flus go basket tal-laptop. Però din il-Qorti bhal l-ewwel Qorti ma ssibx raguni il ghala ghandha tiddubita mill-verzjoni ta' Iusupova. Veru illi forsi ma kienx ghaqli illi dawn il-flus jinzammu go basket tal-laptop. Però go dan il-basket ma kienx hemm biss il-flus imma anke dokumenti u affarijiet ohra

personali tad-derubata fejn allura l-"mode of conduct" ta' din il-persuna juri illi poggiet dawn il-flus gol-kartiera, liema kartiera zammitu gol-basket tal-laptop flimkien mad-dokumenti l-ohra. Dan il-basket kienet se zzommu f'idejha bhala "hand luggage" fejn allura jaghmel sens illi jkollha kollox "a portata di mano" fil-vjagg taghha illi ghamlet ghal Malta. Ghalhekk din il-Qorti ma ssibx raguni il ghala m'ghandhiex temmnen lil Iusupova meta tghid illi go dan il-basket kellha l-flus.

Dana stabbilit, il-Qorti trid tara issa xi provi hemm fil-konfront tal-appellant illi juru illi l-appellant seraq dawn il-flus. Hawnhekk il-Qorti trid toqghod fuq provi cirkostanzjali li biex ikunu validi u permessi skont il-ligi jridu jwasslu ghall-konkluzjoni wahda u wahda biss.

Ikkunsidrat:

Irrizulta pruvat illi kien l-appellant illi sab il-basket u hadu f'idejh u refghu mill-post minn fejn hallietu sidu. L-appellant zammu fil-pussess tieghu u hadu fil-vann illi kien qed jopera minnu. L-appellant baqa' fil-pussess ta' dan il-basket ghal tlett (3) sieghat shah. Meta rritorna lura l-airport mar fit-toilet u hemmhekk gie intercettat mill-pulizija fejn qalulu illi kienu se jaghmlu tfittxija. L-appellant staqsa lill-pulizija jekk huma kinux qieghdin ifittxu laptop ahmar u li f'dak il-kaz kien ghandu fil-vann.

Il-Qorti tirrileva illi l-kulur tal-laptop ma gie suggerit minn hadd izda kien l-appellant stess illi offra din id-deskrizzjoni. Dan ifisser kwindi illi f'xi hin, l-appellant fetah dan il-basket u kellu access ghall-kontenut tieghu. Il-pulizija marru fil-vann u hemmhekk sabu l-basket fuq il-"floor board" in-naha tal-passiggier. Minn dawn il-provi l-Qorti tasal ghas-segwenti konkluzjonijiet: wahda, illi l-appellant kien fil-pussess volut ta' basket proprjetà ta' terzi meta ma kienx intitolat li jkun f'tali pussess. L-appellant zamm dan il-basket ghal tlett (3) sieghat qabel gie intercettat mill-pulizija. F'dan iz-zmien l-appellant fetah il-basket u kellu access ghall-kontenut. Fost il-kontenut kien hemm kartiera illi kien fiha elfejn ewro (€2,000) liema flus gew nieqsa. Kwindi l-unika konkluzjoni illi tista' tasal ghaliha din il-Qorti hi illi dawn il-flus tnaqqsu f'dak iz-zmien illi l-basket kien fil-pussess volut tal-appellant.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u l-appellant kellu jinstab hati ta' serq aggravat bil-valur.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali illi l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti meta l-piena inflitta tkun fil-parametri tal-ligi. Irrizulta illi l-piena inflitta qieghda fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi din ukoll tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------